*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 19*

***3.00p.m 03 ta' Settembru 2020***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *19.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

19.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina talbet li tiġi skuzata minħabba raġunijiet personali.

## *19.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

19.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 18. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

19.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħal kull sena ser jitpoġġew il-fjuri fuq il-monument tal-Iscouts fi Pajzza G.F Abela, bit-tama li dan il-ġest simboliku jibqa jsir ta' kull sena. Din is-sena ser isir nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru filgħodu, bid-dettalji tal-ħin eżatt jiġu kkommunikati l-quddiem.

19.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil-Kunsill li kellu l-opportunita' jitkellem mal-Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru tal-Intern fejn ġew diskussi diversi temi t'importanza għas-sigurta' tal-lokal fosthom id-diversi hotspots madwar il-lokalita', fejn hemm problemi ta' prostituzzjoni, drogi u tlajjar. Huma marru fiżikament fuq il-post biex jaraw x'qed jiġri barra u jista' jikkonferma li bdew jinqabdu diversi persuni li qedgħdin jiksru l-liġi. Apparti hekk is-Sindku kellu laqgħa importanti mall-Ministru Byron u l-Prim Ministru fejn il-Marsa ser ikollha Community Policing min Marzu li ġej. Sadanittant, is-Sindku nforma l-Membri li l-laqgħa skedata għal għada mall-Ispettur kella tiġi kkanċellata minħabba li l-Ispettur issa nbidel u issa nistennew li ssir laqgħa oħra mall-Ispettur Rotin, aktar dettalji ser ngħadduhom iktar il-quddiem.

19.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega dwar is-sitwazzjoni attwali dwar il-ġbir tal-ħġieġ wara li ħargu numruta' direttivi mill-Wasteserv. Huwa tkellem mall-Ministru tal-Ambjent dwar il-kwistjoni fosthom li l-kuntrattur qed jitlob aktar flus biex jissepara l-kartun min mall-ħġieġ. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill huwa awtonomu u jekk jara li mhux ser ikun hemm kooperazzjoni mill-awtoritajiet għandhu jieħu deċizjoni biex il-ħġieġ ma jibqgħax jiġabar. Kien hawn li kien hemm diskussjoni bejn il-Membri preżenti. Is-Sindku finalment irrimarka li ser ikun qed iżomm il-Kunsill infurmat bl-iżvilluppi ġodda li ser ikun hemm. Apparti hekk dawn it-

temi flimkien mall-problema tal-inċineratur u l-grit-blasting ser ikunu diskussi mall-Onorevoli Farrugia waqt il-laqgħa tas-16 t'Ottubru.

19.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-seabin twaħħlet u qegħda titħaddem mill-NGP Zibel u qed titnaddaf mill-Cleansing Department. Sadanittant, il-Kunsill qed jitlob lill-awtoritajiet ikkonċernati (Transport Malta u l-Ministeru tal-Enerġija) sabiex titweħħel charging point fil-lokalita' u ser jerġaw jiġu miżbuha ż-żebra crossings kollha tal-lokalita'.

19.3.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jattendi udjenza mall-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku permezz tal-program '*Snapshot on the Borders'*. Sadanittant, ser ikun hemm vjaġġ lejn Lampedusa bejn it-2-4 t'Ottubru u kull min huwa interessat jattendi jista' jinforma lis-Sindku.

19.3.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill kellu bżonn li jsirulu diversi upgrades fis-sistema tal-komputers hekk kif kien hemm bżonn jiġi nstallat Microsoft 365, jsir anti-virus, backup tax-xogħol u anke upgrade tal-komputers.

19.3.7 Finalment is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn ix-xhur kien f'kuntatt mall-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca u mall-YMCA dwar in-nies homeless li qegħdin naraw fil-lokalita' fejn dawn qed isibulhom postijiet fejn imorru jgħixu.

## *19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

19.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li fil-jiem li għaddew ħarġu fuq il-midja soċjali diskors mis-Sindku tal-Ħamrun li kien iebes fil-konfront tal-Gvern. Filwaqt li l-Kunsillier jemmen fid-diskussjoni, jemmen li mhix xi ħaġa pożittiva li wieħed joħroġ jattakka l-Gvern b'dan il-mod. Kien hemm li bdiet diskussjoni war dan is-suġġett u dak li kiteb is-Sindku s-Sur Josef Azzopari fuq il-paġna tiegħu fuq facebook fir-rigward. Madankollu s-Sindku kien ċar li huwa kien meqjus fi kliemu fejn qal li jekk indaħħlu l-immigranti rridu ukoll nieħdu ħsiebhom u bl-ebda mod ma attakka l-Gvern u jixtieq li jkun hemm distinzjoni bejn dak li qal is-Sur Christian Sammut u dak li kiteb hu.

19.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi fl-artiklu tiegħu kiteb li 'ser issir traġedja fuq il-vulnerabbli' u talbu jekk fid-dawl ta' dan jekk għamilx rapport lill-Pulizija. Huwa saħaq li rridu noqgħodu attenti x'messaġġi mibgħatu hemm barra. Is-Sindku spjega li filwaqt li m'għamilx rapport lill-Pulizija darb'oħra irid ikun iktar ċar fil-posts tiegħu li din hija nota personali u bl-ebda mod ma tkun qed tirrifletti s-sentiment tal-Kunsill. Huwa saħaq li din id-distinzjoni trid tkun ċara ħafna biex ikun hemm differenza bejn ħaġa u oħra.

19.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab għall-informazzjoni dwar għaliex il-Kunsillier is-Sur Francis Debono kien tella' post fuq il-facebook tiegħu dwar l-inċineratur mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid. Huwa qal li jixtieq ikun jaf għaliex hemm Kunsilli li jirċievu risposti min u tweġibiet mill-Ministeri u aħna bħala Kunsill ma nirċevux. Huwa saħaq li hemm metodi kif nissieltu għall-affarijiet permezz tal-awtoritajiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn l-affarijiet ser inkunu qed inressquhom għall-attenzjoni tal-Ministru fil-laqgħa li għandna skedata.

## *19.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

19.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 09/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *19.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

19.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qal li ħareġ żewġ direttivi dwar id-depożitu tal-flus fil-banek u l-użu tal-internet banking bil-għan li jilqgħu għall-bidliet li saru mill-Bank of Valletta fir-rigward l-użu taċ-ċekkijiet.

19.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal ġew ippublikati l-linja gwida tal-Premju Anzjanita' Attiva fejn jirrikonoxxi l-impatt li persuna tkun ħalliet fis-soċjeta'. Il-Kunsill jista' jinnomina persuna mill-Lokalita' għal dan il-premju sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru.

## *19.7 Skema 'Slow Streets' – diskussjoni*

19.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fl-legislatura preċedenti kienu ġew imressqa pjanti dwar iz-zuntier tal-Knisja ta' Marija Reġina bil-għan li dan jingħalaq għat-traffiku, jiżdied l-ispazju miftuħ għar-residenti u jkun hemm zuntier. Meta s-Sindku kien fuq il-post ra li kienu ser jintilfu madwar ħdax-il parking bay u għaldaqstant huwa kien ser jressaq il-proġett tat-tisqif ta' Diċembru li hija parti mill-programm elettorali tal-Gvern. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li ser ikun diffiċli li l-proġett tat-tisqif ta' Diċembru Tlettax isir fiż-'mien immedjat u meta titla' fil-parti ta' fuq tal-lokalita' m'hemm l-ebda spazju miftuħ u rikreattiv. Apparti hekk il-Kunsillier issuġġerixxa li dwar id-disinn tal-proġett tat-tisqif ta' Triq Diċemrbu Tlettax din tista' toħroġ bħala sejħa lill-periti u jkun hemm kompettizjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li apparti hekk meta tkun tista' tagħti lir-residenti pjazza miftuħa quddiem il-paroċċa ta' Marija Reġina, li huwa post idejali, li tnqaas l-ammont ta' ħdax-il parking huwa ftit.

19.7.2 Wara din id-diskussjoni s-Sindku qal li għalhekk ser ikompli jinkludi il-proġett tal-tisqif ta' Diċembru Tlettax fl-Slow Streets Project u għall-laqgħa li jmiss jerġaw jitlgħu għad-diskussjoni l-pjanti originali tal-proġett taz-zuntier tal-paroċċa Marija Reġina. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *19.8 Update ta' l-iskema tal-Animal Welfare*

19.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar xhur iltaqa' ma diversi persuni li jitimgħu l-qtates fil-lokalita', nies li huma verament ddedikati sabiex il-qtates ikollhom ikel u kenn. Il-Kunsill Lokali kien applika s-sena l-oħra għal skema ta' fondi, liema fondi ma ġewx mogħtija. IL-Kunsill reġa' applika biex dawk il-flus li ma ħadniex is-sena l-oħra jingħataw din is-sena. Is-Sindku wera' ritratt tad-disinn tal-kennels bit-titlu 'Il-Gallerija tal-Qattus Malti'. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *19.9 Bins fi Pjazza G.F Abela*

19.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fi Pjazza G.F Abela hemm bżonn jiżdiedu l-bins biex jindirizzaw il-problema tar-rimi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa biex isiru bins taħt l-art bl-istess mod li sar fil-lokalita' ta' San Gwann bil-għan li tnaqqas l-irwejjaħ. Is-Sindku qal li l-Kunsill jistgħa jitlob lill-Kunsill ta' San Gwann iktar dettalji fuq kif dawn saru u x'tip ta' permessi jkun hemm bżonn. Qamet diskussjoni dwar ir-rimi ta' skart u boroż suwed fl-akwata ta' Triq Saura, fejn ġie ssuġġerit li jintbgħatu ritratti fid-djar tan-nies u twissihom biex ma jerġax jinħareġ dan l-iskart. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet , il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *19.10 Infurzar madwar il-lokalita' - Security*

19.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet dwar xogħol ta' security biex jinfetħu u jingħalqu l-Ġonna ta' Gwann Mamo u tas-6 t''Awissu kuljum filgħodu fis-seba' sa filgħaija fid-disa'. Il-kwotazzjonijiet huma tal-kumpanija Executive Security li qed titlob l-ammont ta' €6,372 kull sena, il-kumpanija Protection Services Malta li qed titlob €10,950 filwaqt li JX Landcaping qed jitlob l-ammont ta' €2,700. B'hekk il-Kunsill ser jagħzel l-orħos offerta li hija ta' JX Landscaping. Huwa importanti li jitweħħlu tabelli bil-ħinijiet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

19.10.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill talab ukoll iktar dettalji dwar il-possibilita' li jkun hemm security idur mall-lokalita', madankollu s'issa qed jirriżulta li l-ammont ta' spejjeż għal servizz bħal dan huwa għoli ħafna.

## *19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

19.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.05pm u ġiet aġġornata għas-6 t'Ottubru fit-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

.